MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2008

Numru 1505/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli**
**Spettur Stephen Mallia)**

**vs**

**Paul Brian Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Paul Brian Farrugia ta’ 37 sena, iben Joseph u Vincenza nee’ Gauci, imwieled Pieta’ nhar is-07.10.1970 u residenti no. 81, Triq Guze Ellul Mercer, Dingli, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 443970(M) gie akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer f'diversi lokalitajiet nhar it-8 ta' Novembru 2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozijoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda; u cioe'

talli laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' diversi memory cards, 20 DVD writers, 3 digital cameras, 3 mobile phones u 3 MP3 players li l-valur ta' dawn l-oggetti taghhom jeccedi Lm1,000, liema serq kien sar ghad-detriment ta' Charles Peresso, Attard & Co, id-dirigenti tal-United Parcel Service u/jew persuni ohra;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok AM 3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innuntat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u dan jirrizulta mill-istqarrija esebita min nhom illum bhala Dok AM 4 u li fil-fatt l-imputat irritorna lill-Pulizija parti sostanzjali mir-rifurtiva. Inoltre l-istess Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li l-akkuza fil-konfront tal-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, din ir-ricettazzjoni gejja mis-serq.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18 u 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Paul Brian Farrugia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u dan jirrizulta mill-istqarrija esebita minnhom illum bhala Dok AM 4 u li fil-fatt l-imputat irritorna lill-Pulizija parti sostanzjali mir-rifurtiva u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Paul Brian Farrugia ghall-piena ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Paul Brian Farrugia jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Paul Brian Farrugia l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------